**1 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

Il-Pulizija

*versus*

Ġanni Nicola Cassar

## Vjolazzjoni ta' Proprjetà — Rifjut ta' Għoti ta' Partikularitajiet lill-Pulizija — Art. 354(d) u 352(g) tal-Kodiċi Kriminali.

*Ħadd ma jista' jimmanometti karrozza ta' ħadd ieħor, sija pure billi jwaħħal fuq karrozza ta' ħadd ieħor biċċa karta bħala avviż lil sid dik il-karrozza biex ma jkompl x ifixkel id-dħul ta' min waħħal dik il-karta fil-garage ta' dan l-aħħar imsemmi. Dan l-aġir jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-proprjetà ta' ħadd ieħor; għax għall-integrazzjoni ta' dan ir-reat jeħtieġ il-preġudizzju tas-sid, u f'każ simili dan il-preġudizzju jikkonsisti fl-inkomodu li dik il-karta t'sta' tikkaġuna lil sid il-karozza. F'każ simili, teknikament hemm ir-reat, għalkemm dan jibqa' dejjem ta' ċerta tenwità.*

*Min jiġi mistoqsi biex jagħti l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija, ma jistgħax jiġġustifika r-rifjut tiegħu li jagħti dawn il-partikularitajiet billi jallega li qabel ried jaf x'kienet sejra tkun l-imputazzjoni kontra tiegħu. Lanqas ma hu raġuni*

*tajba għal dak r-rifjut il-fatt li l-Pulizija kien tafu lil min ġie mitlub jagħtiha dawk il-partikularitajiet, billi kenet taf ismu u kunjomu, u anki fejn joqgħod; dan il-fatt ma jeliminax din il-kontravvenzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Ganni Nicola Cassar quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fl-Imsida, fl-14 ta' Diċembru 1957, f'xi l-11.45 a.m., ikkommetta vjolazzjoni fil-proprjetà, billi waħħal tabella nkullata fuq il-"wind screen" tal-car no. 18862 għaddannu ta' Alan Aze; barra min dan, irrifjuta li jagħti l-partikularitajiet tiegħu lill-Pulizija meta ġew mitluba lilu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Diċembru 1957, li biha sabitu ħati, iżda ordnat li jiġi liberat taħt i' provvedimenti tal-art. 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni f' imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher li ċertu Aze ipparkja l-karrozza tiegħu b'mod li fixkel id-dħul fil-garage ġestit mill-appellant, u f'area fejn, skond ranġamenti li saru bejn l-appellant u l-Pulizija, għandu jibqa' spazju liberu appuntu biex ma jkunx hemm dan it-tfixkil, b'inkommodu mhux żgħir, u pjuttost rikorrenti, tal-appellant. Għad li ma sar ebda avviż tal-Pulizija, dan ir-ranġament kien magħruf minn nies li jipparkjaw f'dawk l-inħawi, partikolarment minn nies tal-bastiment tal-gwerra li soltu jkun ormeġġjat f'dik il-lokalità. Dawn tal-aħħar huma dawk li l-aktar spiss jipparkjaw b'mod li jfixklu d-dħul fil-garage tal-appellant. Alan Aze, fuq imsemmi, huwa wieħed minn dawn tal-aħħar. L-appellant, peress li ried javverti lil dan Aze, waħħallu karta pjuttost kbira, xi għaxar pulzieri b'disgħa, fuq il-"wind screen" quddiem li 'steering wheel', bil-gomma. Ma setgħax jitfagħha ġewwa, għax il-car kien magħluq; u l-imputat spjega li waħħalha bil-gomma għax inkella t-tfal kienu jaqgħiluha. F'dik il-karta kien hemm miktub appuntu dan

l-avvertiment. Meta Aze irrapporta l-każ, u l-Pulizija nterrogaw lill-appellant, dan ammetta l-fatt, għad li ta l-ispjegazzjonijiet fuq imsemmija; mbgħad, x'ħin is-surġent talbu l-partikularitajiet tiegħu, irrifjuta li jagħtihomlu qabel ma s-surġent jgħidlu fuq liema imputazzjoni kien sejjer iġibu;

Għalhekk l-appellant ġie ċitat fuq żewġ reati, dak ta' *vjolazzjoni ta'* proprjetà kontemplat fl-art. 354(d), u dak ta' *rifjut tal-għoti tal-partikularitajiet kontemplat fl-art.* 352(g), tal-Kapitlu 12;

Kwantu għall-kontravvenzjoni ta' vjolazzjoni ta' proprjetà;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx dubju li ħadd ma jista' jimmanometti karrozza ta' ħadd ieħor, sija pure bil-mod kif għamel l-appellant, avvolja *fiċ-ċirkustanzi fuq imsemmija tista' tiġi* magħdura r-reazzjoni tal-appellant; liema reazzjoni kienet anki ta' karattru ferm miti. Għall-integrazzjoni ta' din il-kontravvenzjoni jeħtieġ il-preġudizzju għas-sid; u fil-każ preżenti dan jikkonsisti fl-inkommodu li dan ma setgħax aġevolment isuq qabel ma jneħħi dik il-karta li, minħabba li kienet ingummata, aktarx tagħti wkoll xi fastidju biex jirrimwoviha. Teknikament, għalhekk, għandha tiġi konstatata l-kontravvenzjoni, ladarba l-fatt ġie miġjub quddiem *il-Qorti,* għalkemm tibqa' dejjem it-tenwità tar-reat;

Ikkunsidrat, dwar il-kontravvenzjoni tar-rifjut ta' deklinazzjoni tal-partikularitajiet;

L-appellant qal li, meta s-surġent ittelefonalu, hu ried jagħtieh il-partikuaritajiet tiegħu, iżda dak qallu li ma kienetx ħaġa li ssir fuq it-telephone. Meta s-surġent mar fil-garage tal-appellant, dan irrifjuta li jagħtieh dawk il-partikularitajiet qabel ma jkun jaf x'kienet sejra tkun l-imputazzjoni, u s-surġent qallu li dik kienet biċċa tas-*superjuri. Ir-raġuni addotta mill-appellant ma tneħħix il-*kontravvenzjoni; għaliex tammonta għal pretest, ossija, kif qalet din il-Qorti fl-appell kriminali "La Polizia vs. Don

Nicola Melis", 24 ta' Marzu 1917, "una tergiversazione palliativa del rifiuto". L-appellant issottometta wkoll li l-Pulizija kienet tafu, ċjoè taf ismu u kunjomu, u taf l-indirizz tiegħu bħala ġerenti ta' dak il-garage bil-permessi relattivi. Dwar dan il-pont, għandu jingħad illi xi awturi, bħal Maino, ma jaqblux mal-ġurisprudenza tal-Qrati Taljani fuq l-art. 436 tal-Liġi Taljana, simili għal dik tal-Kodiċi Malti, fis-sens din il-ġurisprudenza illi tissussisti din il-kontravvenzjoni anki meta l-uffiċjal publiku jkun jaf lill-imputat; imma din il-ġurisprudenza tidher aktar aċċettabbli; għaliex, billi l-uffiċjal ikun jaf isem u kunjom l-imputat, u anki l-indirizz tiegħu, "non segue" b'daqshekk li jkun jaf anki "l-partikularitajiet l-oħra" li l-liġi ntant issemmi espressament "totidem verbis" fid-dispożizzjoni in parola. Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-kontravvenzjoni ma tiġix eliminata sempliċement għax l-uffiċjal ikun jaf lill-imputat (ara f'dan is-sens Cassazione Penale 7 Luglio 1896, Cretti, Monit. Tribunale 1896, 867, u Cassazione unica Volume VII, 1035); u tirritjeni wkoll sewwa l-prinċipju ritenut mill-Cassazione Penale, 1mo. Aprile 1902, Cesarotti, Rivista Penale LV 671, u li ġie hekk espress:— "Parlando l'art. 436 non solo di nome e cognome, ma in genere anche di altre qualità personali, l'indicazione di quelli con rifiuto di dare le chieste generalità non basta ad escludere la contravvenzione";

Għalhekk anki din il-kontravvenzjoni tirriżulta, għad li anki in kwantu għaliha l-każ hu ferm ħafif;

Ikkunsidrat;

Il-Maġistrat kien korrett meta, fiċ-ċirkustanzi tal-fatt in ispeċje, ħa veduta miti taż-żewġ imputazzjonijiet u applika l-art. 23(1) (a) Kap. 12. Din il-Qorti, anzi, sejra żżid provvediment ieħor, li hu ampjament ġustifikat fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata; b'dan, però, li din il-kundanna ma tiġix imniżżla fil-kondotta tal-appellant; liema ordni qiegħed jingħata bis-saħħa tal-art. 8 (b) tal-Kapitlu 118.